# ALLA JIPPREMJA LIL MIN JIMXI FIT-TRIQAT SEWWA TIEGHU.



Ir-Re tal-Babilonja waqqaf statwa ta' idolu mahdum mid-deheb. Huwa ordna lill-popli tieghu li ghandhom jinzlu jaduraw lil dan alla hekk kif jisimghu d-daqq tat-trombi. Jekk jonqsu li jaghmlu dan huwa kien ser jikkundannhom li jigu mahruq fil-forn tan-nar.

Kien hemm tlett zaghzagh lhud jisimhom Sidrak, Mesak u Għabednegu li s-sultan impjeghom fis-servizz tieghu, li ma riedux jimxu fuq dik l-ordni tieghu. Irrifjutaw li jobdu l-ordni tieghu ghax huma kienu jaduraw biss lil Alla veru u haj u mhux idoli maghmula minn idejn il-bnedmin u li ma jiswew xejn.





Xi hadd induna b'dan u mar jghid b'kollox lir-re. Is-sultan inkorla bis-shih ghalihom ghax ippretenda li kulhadd ibaxxi rasu ghal ordni tieghu. Baghat ghalihom u widdibhom li ser jitfaghhom go forn tan-nar jekk jibqghu iwebbsu rashom. It-tlett zaghzagh baqghu sodi fil-fehma taghhom u ma bezghux mill-kastig tas-sultan. Kienu jemmnu li Alla ser isalvhom.

Il-qaddejja tas-sultan ghamlu huggiega kbira go forn. Rabtu lil Sidrak, Mesak u Għabednegu bil-hbula u xehtuhom fil-forn tan-nar iheggeg.





Meta s-sultan ittawwal fil-forn b'ghageb kbir tieghu lemah erba' zaghzagh flok tlieta. Ir-raba' wiehed kien anglu tal-Mulej li flimkien maghhom bdew jimxu fuq in-nar fil-forn. Ir-re baqa' miblugh, imma fehem sewwa li kien Alla ta' tlett zaghzagh li helishom minn nar.

Ir-re sejjah lil Sidrak, Mesak u Għabednegu johorgu mill-forn. Ra b'ghajnejh stess, is-sultan, li n-nar ma kienx haraqhom. Hargu minn hemm minghajr ma garrbu ebda deni.

Imbaghad ir-re tal-Babilonja ghamel ligi li biha hadd ma seta' jghid hwejjeg kontra dak Alla li Sidrak, Mesak u Għabednegu kienu jaduraw. Min jinqabad kien ser ikun ikkastigat bil-kbir.



Ghall-gieh taghhom, ir-re gholla lit- tlett zaghzagh fi gradi gholja fir-renju tieghu.